# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 62

18 ta' Diċembru, 2023

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.53pm

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Stephen Gauci bagħat imejl li għar-raġunijiet personali huwa ndispost

ASSENTI

L-ambaxxatriċi taż-żagħżagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marie Josette Vella Magro – Segretarja Eżekuttiva

# Aġenda Nru. 62

62.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
62.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 61
62.3 Aġġornament dwar il-proġett ta' pavimentar u rinovar ta' Pjazza Santa Margerita;
62.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;
62.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
62.6 Komunikazzjoni;
62.7 Ilmenti u Suġġerimenti;
62.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 11 /2023;
62.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

# Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 62.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

62.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji

## 62.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 61

62.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħat preċedenti Nru. 61 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Is-Sindku qal li jrid jagħmel korrezzjoni zghira għax fil-minuti kien hemm typo – minflok SEH riedet tiġi SCH. Dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis- Segretarja Eżekuttiva.

## 62.3 **Aġġornament dwar il-proġett ta' pavimentar u rinovar ta' Pjazza Santa Margerita**

62.3.1 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-proġett ta' riġenerazzjoni fi Pjazza Santa Margerita.

62.3.2 Is-Sindku beda l-aġġornament billi qal li ntbagħtet komunikazzjoni lir-residenti li t-Triq ta' Ċenċ se tkun temporanjament two -lane għat-traffiku, għar-raġuni li l-kuntrattut kellu jibda u jeħles il-kareġġjata mill-Bank BOV il-fuq, qabel il-festi tal-Milied. Sfortunatament, l-kuntrattur informa lill-kunsill li ma kienx kunfidenti li jlesti qabel il-festi, u għalhekk is-Sindku ħass li aħjar jitnaqqas l-inkonvenjent u ma tingħalaqx Triq Dun Xand Aquilina, għal-fatt li l-kuntrattur ma kienx se jkun għaddej bix-xogħlijiet f'dawn iz-żmienijiet, peress li l-ħaddiema konċernati se jkunu għal-vaganzi tal-Milied u x-xogħol se jkun wieqaf. Sadanitant qed jinħelsu l-parking bays, bil-grouting kollu, inkluż il-bankina mir-restorant 'Beppe's' il-fuq b'kollox sal-fest tal-Milied. Għaldaqstant, mil-Ġimgħa 22 ta' Diċembru it-traffiku ikun jista' jerġa lura kif kien għaddej f'dawn l-aħħar xhur, jiġifieri bit-traffiku jitla l-fuq minn triq ta' Ċenċ u jinżel minn Triq Dun Xand Aquilina. It-tabelli, imbagħad se jkunu mgħottija borża sewda, biex terġa tingħalaq wara l-festi, eżattament fit-8 ta' Jannar, x'ħin il-ħaddiema jkunu waslu lura u jitkompla x-xogħol b'ritmu mgħaġġel. Uffiċjal pubbliku se jkun mitlub biex jidderiġi t-traffiku f'dawn iċ-ċirkostanzi.

62.3.3 Is-Sindku qal li mhux sodisfat bl-andament tax-xogħol kif inhu għaddej, fejn għandu x'jaqsam it-timeframes stabiliti. Is-Sindku kien ċar mal-kuntrattur, li jekk wara l-waqfa tal-festi, ix-xogħol mhux se jieħu spinta l-quddiem, l-kunsill ma jibqalux triq oħra li jirrokorri għal-miżuri oħra. Is-Sindku ċempel lil-perit tal-kuntrattur fuq il-bonavostri taz-zuntier, u għalfejn is-samples għadhom ma waslux. Il-kuntrattur ilmenta li s-surveyor għadhu ma taħx il-livelli eżatti għax hu jaħdem bis-CNC. Is-Sindku saħaq mal-kuntrattur li sa' l-aħħar ta' Frar, dawn il-bonavostri iridu jitwaħħlu, u l-kunsill mhux se jaċċetta' l-ebda skuża għal

xi dewmien ulterjuri, għax inkella mhux se jaslu biex jagħlqu l-proġett fi żmien stipulat. Il-kunsillier Tewma semma l-punt li jekk ikun hemm bżonn xi alterations fis-samples tal-bonavostri, iż-żmien se jitwal. Is-Sindku wieġeb li l-kuntrattur huwa responsabbli tax-xogħlijiet u huwa iffirma l-kuntratt tat-tender tal-proġett tal-pjazza . Il-kuntratt kien jgħid li l-proġett kien miftiehem li jingħalaq f'Awwissu 2023, pero' l-kunsill kien qabel li jsir estensjoni sa l-aħħar tas-sena 2023.

62.3.4 Is-Sindku stqar li jixtieq li dan il-proġett ikun inawgurat propju f'Jum Sannat eżattament il-Ħadd -29 t'April, jumejn wara l-Wine Festival. Is-Sindku qal li wara li jlesti dan il-kuntrattur, baqa xi xogħol ieħor xi jsir bħal tpoġġija ta' l-għamara, ornamenti, pjanti etċ. Is-Segretarja Eżekuttiva saqsiet x'passi se jieħu l-kunsill jekk mhux se jintlaħaq it-deadline stipulat. Is-Sindku wieġeb li t-tender ta' l-għamara se toħroġ fil-jiem li ġejjin, eżattament f'Jannar. Il-bankini se jkunu lesti u allura kemm teħel l-għamara. Pero, fl-eventwalita li d-deadline ma jintlaħaqx, ma jkunx hemm lok ieħor li jibdew joħorġu penali kif stipulat fil-kuntratt, lill-kuntrattur li iffirma l-kuntratt tal-proġett. Is-Sindku saħaq mal-kuntrattur fil-laqgħat li jkollhom ta' kull ġimgħa, biex barra li jridu jimxu mad-deadline maqbul, kif fil-passat il-kunsill Ta' Sannat wassal il-proġetti preċedenti fil-ħin, irid ikun hemm ukoll osservanza fejn jidħol is-saħħa u s-sigurta, u jrid inaddaf inkonvenjenti li jista jkun hemm. Il-project manager tal-proġett kiteb kemm il-darba lill-kuntrattur u anki l-health and safety officer għamel numru ta' rapporti. Il-kunsill kien issuġerixxa lil-kuntrattur biex iġib skip u fl-aħħar tal-ġurnata jitfew kull tip ta' iskart li jkun hemm. Is-Sindku qal li fil-laqgħa li jsir ta' kull ġimgħa qed ikunu iebsin mal-kuntrattur. Il-kunsillier Bajada ressaq l-osservanza li mhux sewwa li x-xogħol ser jkollu jieqaf għal-ħmistax il-ġurnata għax il-ħaddiema barranin ser isiefru. Pero', ta' min isemmi, li bil-liġi ma jistewx isiru xogħlijiet fil-pjazza mit-22 ta' Diċembru sat- 2 ta' Jannar. Il-kunsillier Tewma saqsa li jekk fl-eventwalita, l-kuntrattur tal-bonavostri mhux se jlaħħaq iwaħħalhom fil-ħin stipulat, hux se jeħel xi penali u mhux biss imwissi b'mod verbali. Is-sindku qal li kemm il-darba kitbu lill-kuntrattur konċernat, pero s-sindku stqar li wieħed irid joqgħod attent għax hemm sfidi li jridu jaraw għax hija sikkina li taqta' minn żewġ naħat. Dan għal-fatt li l-kunsill irid jara wkoll l-aspett soċjali tar-raħal. Il-kunsill fl-aħħar mill-aħħar, l-għan tiegħu hu li l-proġett jitlesta kif mixtieq.

62.3.5 Is-Sindku saħaq mal-kuntrattur, li minn Jannar għandu jżid in-numru ta' ħaddiema u jrid jimxi ma' pjan ben definit. Is-Sindku qed jissuġġerixxi, li l-kuntrattur ikollu ħaddiema iwaħħlu l-karreġġjata li se tibda ftit l-isfel mill-bank BOV u tibqa tiela l-fuq għal wara l-knisja. Fl-istess ħin, irid ikun hemm ħaddiema li jkomplu bil-bankini sa' l-ewwel partijiet ta' triq Cocco Palmieri. Kif jibdew l-pavimentar minn fejn il-bank tal-BOV, iridu jagħtu l-grouting minnufih biex dan itella s-saħħa u eventwalment Triq Cocco Palmieri ma jdumx magħluqa. Dan għal-fatt, li din se tkun problema għar-residenti tal-madwar, jiġifieri Triq Xamgħan u triqat oħra l-ġewwa, li se jkollhom problema biex jidħlu u joħorġu fil-ħinijiet tal-ftuħ u l-għeluq ta' l-iskola. Eventwalment f'dan l-istadju, irid ikun hemm uffiċċjal tat-Transport Malta biex jidderiġi t-traffiku u ma jkunx hemm ipparkjar bl-addoċċ f'dawn il-ħinijiet, kif ukoll jitnaqqas il-periklu għat-tfal. F'dan il-każ, il-project manager irid jinforma lill-kuntrattur biex iġib l-uffiċċjali ta' Transport Malta. Fl-istess ħin, waqt li jkun għaddejjin dawn ix-xogħlijiet, grupp ieħor ta' ħaddiema iridu jkissru l-bankini mil-ħanut li jinsab fil-pjazza sal-kantuniera tal-bidu tat-triq 28 t'April, kif ukoll in-naħa l-oħra sal-faċċata tat-triq 28 t'April, u jibda jsir il-pavimentar tal-bankini. Ħaddiema oħra iridu jagħmlu l-parking bays ta' fejn l-istatwa l-qadima u l-faċċata l-oħra. Hekk b'dan il-mod, it-traffiku jibqa għaddej

tiela' u nieżel minn Triq Ta' Ċenċ. Il-parking bay ta' ħdejn is-siġra l-kbira, irid isir wara li jinqelew il-planki u jitnaddaf il-ġibjun.

62.3.6 Is-Sindku qal li jekk il-kuntrattur mhux se jaħdem b'dan il-pjan, mhux se jwassal il-proġett fi tmiemu u fi żmien stabilit. F'dan il-każ,mhemmx triq oħra, kif stipulat fil-kuntratt, li l-kuntrattur jibda jeħel il-multi u anki jista' jkunu bl-arretrati. Is-Sindku huwa fidiċjuż, li jekk il-kuntrattur jaħdem skond dawn is-suġġerimenti, ix-xogħol ikun lest sa l-aħħar ta' Marzu. Dan għal fatt ukoll li l-madum huwa kbir fil-qies, u anki ġonot u tappieri hemm mill-inqas. Il-kunsillier Tewma saqsa fuq it-toqob ta' l-anterjoli tal-logħob tan-nar ta' l-art, bis-Sindku jwieġeb li dawn huma lesti.

62.3.7 Qed isiru l-konok tas-siġar, liema siġar diġa qedin għand il-kuntrattur u qed isaqsi meta kista jħawwilhom. Pero', is-sindku hu tal-fehma, li għalissa dawn ma jitħawwlux għax iridu jitnaddfu l-konok. Baqa' ukoll isir l-grouting tal-bankina, biexeventwalment titnaddaf il-konka u jitpoġġa ħamrija ġdida.

62.3.8 Is-Sindku qal li b'referenza għal-osservanza li għamlet is-segretarja eżekuttiva fil-laqgħa preċedenti rigward il-materjal tal-madum, il-perit ikkonferma li dak huwa materjal naturali u jvarja u m'hemmx lok ta' perikli. Dan il-materjal huwa skond l-ispesifikazzjonijiet li nħarġu fit-tender. Is-segretarja eżekuttiva qalet li l-perit irid iwieġeb bil-miktub. Is-Sindku rrimarka li l-perit huwa responsabbli li jiċċertifa x-xogħlijiet. Is-sindku, anki mar fuq il-post waqt li kien imxarrab bix-xita, u kkonferma li ma jiżloqx. Is-segretarja eżekuttiva rrimarkat li primarjament, l-prejokkupazzjoni tagħha huwa x'ħin ikun hemm ix-xemx fuq il-madum, u jridu jkunu ċerti li maż-żmien ma jkunx hemm bżonn ta' xi kimika biex il-madum ma jkunx jiżloq. Is-segretarja qalet li se tibgħat komunikazzjoni lill-perit bi kjarifa fid-domanda li ntbagħtet, biex dan jikkonferma u bħala kunsill ikun kopert.

62.3.9 Il-kunsillier Tewma saqsa fuq l-isem 'Ta' Sannat' li se jsir fid-daħla tar-raħal. Is-Sindku jwieġeb li l-ittri bdew jinqetew usaru xi korrezzjonijiet bis-SNC. Bħalissa wkoll qed jibda jsir ix-xogħol fuq il-bażi tal-konkos. Il-perit ikkonferma li x-xogħol miexi tajjeb kif kien maħsub. Bħala timeframes, qed ikun proġettat li jkunu lest sa' l-aħħar ta' Jannar, għax iridu jigledjaw l-konkos u naturalment jinqetew l-ittri, bl-akbar diffikulta hija fuq l-ittra 'S'. Il-kunsillier Tewma saqsa fuq il-bollards tal-roundabout fid-daħla tar-raħal. Is-sindku qal li dawn ġew imwaħħla mill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex, pero', sfortunatament dawn inqelew wara ftit minuti, probabilmet permezz ta' trakk li għadda minn fuqhom. Il-viċi Sindku qalet li mportanti li jitwaħħlu l-kameras tas-sigurta. Is-segretarja eżekuttiva ssuġġeriet li jsiru xi 'Road Cats eyes' mal-bollards. Is-Sindku qal li dawn iridu jsiru bl-approvazzjoni ta' Transport Malta.

62.3.10 Is-sindku qal li xħin jitlesta l-proġett, xorta se jintużaw il-bollards. It-tender tal-kameras tas-sigurta qed tinħadem. Kien hemm xi issues li ġew diskussa waqt il-laqgħa tar-reġjun t'Għawdex rigward il-meters tad-dawl, pero, is-sindku qal li l-kameras tas-sigurta li se

jiwaħħlu f'Ta' Sannat, se jkunu jaħdmu bis-solar. Il-kameras huma iktar għoljin fil-prezz, pero mhemmx marbuta spejjeż addizzjonali ta' meters u konsum tad-dawl. Il-kunsillier Tewma saqsa meta se jitwaħħlu, bis-sindku jwieġeb li għadu qed jinħadem it-tender, jiġi ppubblikat u naturalment irid ikun hemm offerti mitfuha skond l-ispesifikazzjonijiet maħruġa, Is-Sindku qal li jispera li ma jiġriex bħal ma ġara fit-tenders marbuta mas-sala tal-każin. Tender jista' joħroġ sa tlett darbiet jekk ma jkunx aġġudikat, u wara t-tielet darba l-kunsill jista jitlob il-permess tad-dipartiment tal-kunsilli lokali biex imur dirett. Din hija l-prassi fejn jidħol procurement.

## 62.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

62.4.1 Is-sindku rrimarka li Triq Sannat (Qasam) hemm dlam ċappa u hemm bożoż mitfijin, kif ukoll talab li jsiru bożoż addizzjonali. Is-Sindku qal li din it-triq, li parti minnha mhux konfini mal-kunsill Ta' Sannat u għalhekk iridu jkellmu l-kunsill tax-Xewkija u tar-Rabat biex jitolbu biex jitranġa d-dawl artifiċjali. Il-kunsill irid jibgħat lid-dipartiment ta' L-EcoGozo biex jinżabru s-siġar għax dan id-dipartiment għandhom kuntrattur inkarigat.

62.4.2 Is-Sindku qal li fil-laqgħa tar-reġjun t'Għawdex semma l-punt li r-reġjun għandu jintervjeni direttament fejn jidħlu konfini li jkunu bejn żewġ kunsill Lokali, u fejn kunsilli partikulari m'għandhomx interess dirett. Is-Sindku qal li l-kunsill jista jinżamm responsabbli jekk jiġri xi aċċident għax ma jkunx hemm dawl artifiċċjali biżżejjed, u anki kif qalet is-segretarju eżekuttiva f'cirkostanzi li jkun hemm toqob fit-toroq li jistew joħolqu xi inċident jew jipprovokaw xi ħsara fil-vetturi. Ir-reġjun t'Għawdex għandu responsabilta tad-dawl artifiċjali tat-toroq u għalhekk qed jiġi mitlub biex jiżdied id-dawl fit-toroq f'postijiet partikulari. Il-kunsill Ta' Sannat qed jagħmel eżerċizzju permezz ta' l-inġinier, biex jaraw hemmx nuqqas ta' dawl fit-toroq tar-raħal. Ir-rapport għadu qed jiġi maħdum. Il-kunsill qabel li għandhom jiktbu lir-reġjun t'Għawdex fuq dawn il-punti msemmija.

62.4.3 Il-kunsill irid jikteb ukoll lid-dipartiment konċernat, li fir-raħal Ta' Sannat infetħu toroq ġodda li jfisser li hemm bżonn ta' dawl għal dawn it-toroq rispettivi. Dawn jinkludu Triq Paranji, Triq it-Tempju ta' l-Imramma u Triq Dun Luqa li kompliet tespandi u eventwalment se tinfetaħ triq oħra f'dawn l-akkwati u eventwalment tingħata isem tat-triq. Il-kunsill m'għandux il-finanzi neċessarji biex jagħmel dan id-dawl meħtieġ, u għalhekk se jibgħat komunikazzjoni lid-dipartiment tal-local Goverment, kif ukoll isemmu l-ispejjeż addizzjonali marbuta mal-ġbir ta' skart, għal-fatt li r-raħal Ta' Sannat kiber b'mod sostanzjali f'dawn l-aħħar snin.Is-Sindku qal li l-ħaddiema tal-kunsill qed inaddfu kemm jistew, pero' mhux ilaħħqu mad-domanda li qed tinħoloq. Is-Sindku semma li llum stess, fejn il-ħanut ta' Rożina fi pjazzetta tax-Xelina, inħarġu żewġ boroż suwed li zgur tpoġġew wara l-10.00am wara li t-trakk taż-żibel għadda. Is-segretarja eżekuttiva kompliet, li lbieraħ fil-għaxija fi sqaq Dun Anastas kien hemm borża griża tar-riċiklaġġ, li għadha hemm sal-ġurnata tal-lum. Is-sindku semma, li fost is-soluzzjonijiet li kienu jaħdmu kienu meta kienet titwaħħal l-isticker il-ħamra, avolja kif qalet il-viċi sindku ma tkunx taf minn poġġija. Il-

kunsillier Bajada qal li xi ftit ġranet ilu, eżattament it-Tnejn filgħodu, kien hemm numru ta' boroż mitfewa fit-toroq jew xi għelieqi speċjament fi Triq il-Gruwa.

62.4.4 Is-segretarja eżekuttiva qalet li xi residenti qed joħorġu l-borża s-sewda mil-lejl ta' qabel u din qed titqatta minn xi klieb. Is-sindku qal li jekk jaraw xi klieb iqattew il-boroż u jkunu jafu min hu s-sid, għandhom jitkellmu mal-community policeman biex dan ikellem lis-sid. Is-Sindku kompla li numru ta' residenti qed jilmentaw li fir-raħal hemm problema tal-ħmieġ tal-klieb. Minn naħa tal-kunsill, dan qed jagħmel li jista' biex iżomm l-indafa mil-ħmieġ tal-klieb, billi qed iwaħħal numru ta' bins u tabelli madwar il-lokalita kollha. Is-segretarja eżekuttiva saqsiet jekk il-kunsill għandux iżid il-bins, speċjalment fejn infetħu toroq ġodda. Il-problema hija fejn se jitwaħħlu dawn il-bins għax jista jdejjaq lill-propretarji tar-residenzi. Il-kunsillier Bajada semma li s-sidien għandhom ikunu iktar responsabbli u jiġbru l-ħmieġ tal-klieb u jitfewh fil-bins. Is-sindku qed jissuġerixxi li jinxtraw leach li jkun fihom il-boroż ġo fiha. Għandha isir applikazzjoni u min għandu l-klieb jista' jingħata waħda. Il-kunsillier Tewma qal hux possibli li  titqassam notifika lir-residenti li jistew jinġabru l-boroż mill-kunsill. Il-viċi sindku saqsiet jekk il-boroż griżi għandhomx jitqassmu, bis-sindku jwieġeb fin-negattiv. Is-sindku qal li għandu jitqassam flyer bħala parti minn kampanja dwar il-ħmieġ tal-klieb fit-toroq u l-madwar, apparti l-bins li hemm imwaħħlin. Sidien biex ikunu ntitolati biex jiġbru l-boroż mill-kunsill, irid ikollhom l-ID card fuq Ta' Sannat, one per household u jirreġistra l-ID number u chip number tal-kelb. Iktar minn hekk il-kunsill ma jistax jagħmel u se jkun l-uniku kunsill li qed jitratta din il-problema bis-serjeta.

62.4.5 Rigward Triq Xamgħan, is-Sindku qal li hemm xi diffikultajiet biex jibda x-xogħlijiet ħalli jsir triq ġdida, għal-fatt li fil-bidu il-korporazzjoni Water Services ma riedux ibiddlu d-dranaġġ. Meta l-kunsill ħareġ il-period contract, il-perit kien ħaseb li fl'eventwalita li  jsiru  xi toroq ġodda u jinkisru xi servizzi ta' xi residenti, dawn jistew jinbidlu u jitranġaw. Pero', l-perit, rigward il-'main network' ma ħasibx fil-period contract, u konsegwentement f'dan l-istadju l-proġett ma jistax isir. Il-Water Services għamlet LA li jammonta għal madwar 400.000 euro, li s-soltu l-prassi tinvolvi li l-korporazzjoni tgħaddi l-flus lill-kunsill biex eventwalment il-kunsill iħallas il-kuntrattur. Fit-tender preżenti, mhemmx li l-kuntrattur jista jagħmel ix-xogħol fuq il-main network. F'dan il-każ, jekk il-Water Sevices jgħaddu l-flus lill-kunsill biex jitħallas il-kuntrattur, dan imur kontra l-liġi tal-procurement u għalhekk dan ma jistax isir. Issa biex il-kunsill ikun kopert għandu joħrog tender speċifiku għal main networks,  kemm tad-dranaġġ kif ukoll tal-portable water. Il-kunsill kellem lill-perit, li minn naħa tiegħu qed jibda jaħdem fuq din it-tender, biex kemm jista jkun jingħalaq u tkun aġġudikata u hekk ikun jista jibda l-proġett. Is-Sindku qal li xorta jista jkun hemm xi diffikultajiet għal-fatt li jekk il-kuntrattur li se jieħu dan it-tender ma jkunx l-istess kuntrattur  li se jagħti t-tarmac, ħa jkun hemm problema ta' min ħa jassumi r-responsabilta f'każ ta' ħsarat. Is-Segretarja eżekuttiva saqsiet jistax ikun hemm klawsola fit-tender li r-responsabilta ta' xi eventwalment ħsarat tkun flimkien mal-kuntrattur li se jagħmel it-tarmac. Is-Sindku qal li bilfors se jkun hemm klawsola. Il-kuntrattur ikollu garanzija ta' 10% tat-tender, pero dawn jistew iwaħħlu f'xulxin min se jassumi r-responsabilta' ta' ħsarat li jista jinqala. Għalhekk, is-Sindku qal li jridu jimxu pass pass u jaraw min se jaġġudika din it-tender li se toħroġ, possibilment, l-aħjar soluzzjoni tkun li joħodha l-istess kuntrattur. Is-Sindku kompla, li l-korporazzjoni Water Services toħroġ ċertifikazzjoni wara li jsiru testijiet minn naħa tagħha. F'din it-triq, kif proġettata se jkun hemm żewġ mains ta' l-ilma, wieħed kull naħa tat-triq,

u dawn se jkunu taħt il-gutter fil-hard shoulder u f'każ ta' xi ħsarat, jitkisser il-konkos u mhux it-tarmac. Il-kunsill qabel li din it-tender għandha toħroġ b'mod in ġenerali biex il-kunsill ikun kopert.

62.4.6 Fuq it-toroq, is-Sindku qal li Triq Parinji u Triq Dun Lazzru Camilleri qedin fil-proċess li jibdew ix-xogħlijiet mill-Ministeru għal Għawdex, għax fil-fatt il-Ministeru diġa għandu l-period contract ma' kuntrattur partikulari. Rigward Triq Xamgħan, l-istorja hija differenti,għax il-period contract li se jiġi wżat huwa tal-kunsill.

62.4.7 Il-kunsillier Tewma talab kjarifika fuq it-tkomplija tal-qasam Ta' Sannat, bis-Sindku jwieġeb li l-kuntrattur huwa l-istess dak li qed jagħmel il-pjazza, u qegħdin jistennew minn għandu. Dan il-proġett huwa tal-ministeru għal Għawdex, u s-Sindku huwa persważ li l-Ministeru qijed f' kuntatt mal-kuntrattur.

## 62.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

62.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet iktar mill-kunsillieri rigward il-pjazza.

## 62.6 Komunikazzjoni

62.6.1 Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li rċievew komunikazzjoni minn naħa tad-dipartiment rigward id-Data Protection Officer. Sas-sena 2019, ir-reġjun t'Għawdex kellu kuntratt spesifiku rigward id-data protection officer, pero dan ma ġiex imġedded. Is-segretarja qalet li Data Protection Officer irid ikun jaf il-liġi li tirrangwardja dan il-qasam, u kull informazzjoni relatata ma' persuni trid tiġi protetta. Jekk ikun hemm xi leakage ta' informazzjoni, din il-persuna tista tittella l-qorti. Id-Dipartiment ilu minn Settembru jibgħat komunikazzjoni biex il-kunsill jinnomina data protection officer. Il-Viċi Sindku qalet li f'xi laqgħat preċedenti kien imsemmi l-ammont pagabli lil din il-persuna, li skond is-segretarja eżekuttiva kien jammonta għal-300 euro fix-xahar. Is-Sindku ssuġerixxa li l-kunsill għandu jinnomina lis-segretarja eżekuttiva, dan għal-fatt li hi ħadmet f'dan l-irwol u hija nfurmata tajjeb fuq is-suġġett konċernat. Is-Segretarja kkonfermat li hija kienet taħdem f'dan il-qasam, pero qalet li fil-'job description' tagħha bħala segretarja eżekuttiva ma jinkludiex li tkun data protection officer. F'dan il-każ, trid isir talba lid-dipartiment tad-DLG, biex jaraw isibux oġġezzjoni jew le, li s-segretarja eżekuttiva tkun id-data protection officer tal-kunsill lokali Ta' Sannat, li bilfors skond il-liġi kull kunsill irid ikollu uffiċjal nominat. Is-Sindku talab lis-segretarja biex tibgħat kwotazzjoni f'eventwalita li d-dipartiment tad-DLG jagħtiha l-permess. Din se tkompli tkun diskussa x'ħin l-kunsill jirċievi r-risposta.

62.6.2 Is-Sindku qal li l-kunsill kellu flus ivvutati mir-reġjun t'Għawdex biex isiru proġetti, li sfortuntament dawn ma sarux. Dawn jinkludu 25,000ewro għal-proġett tal-ġibjun. Kien hemm ukoll l-iskema tal-ambjent, fejn il-kunsill xtaq jixtri trakk elettriku, pero ma kienx hemm offerti mitfuha. Il-kunsill rċieva mingħand ir-reġjun t'Għawdex li l-proġetti jridu jkunu lesti sa l-aħħar ta' Jannar, bil-kontijiet ikunu magħluqa sa' l-aħħar ta' Diċembru 2023.

Is-Sindku qal li l-kunsill kien ingħata fondi mill-istess reġjun rigward il-librerija u l-oħra fuq attivitajiet kulturali. Dik tal-librerija l-iskema ngħalqet u l-flus ġew miġbura. Rigward l-iskema tal-kultura baqa xi 4,000 ewro għal fatt li dawn ma ġewx 'claimed' kif kien maqbul fil-laqgħat preċedenti tal-kunsill għal Wine Festival u kienu ġew it-Taljani. Din is-somma ta' madwar 4,000 euro, l-kunsill jista jieħu parti minnha biex jiffinanzja l-bouncing castle, sound u logħob ieħor tat-tfal, waqt il-party tal-milied kif ukoll l-ispejjeż relatati mat-trasport tal-ħarġa ta' l-anzjani. Parti oħra minn dawn il-flus se jingħataw lill-banda Santa Margerita għas-servizz tagħha ta' kull sena f'postijiet differenti fir-raħal f'jum IL-Milied, liema ammont ikun ta' 1000ewro.

62.6.3 Rigward l-iskema ta' l-ambjent, il-kunsill kien għamel il-proġett marbut mas-sqaq Dun Anastas. Il-kunsill kien ingħata prepayment mid-dipartiment tad-DPF u dawn għaddew lill-kuntrattur. Il-bqija tal-fondi, jiġifieri 25,000 ewro ma ġewx claimed u għalhekk ma setawx jgħaddu l-pagament. Issa l-kont tal-kuntratur huwa ta' madwar 32,000 ewro għaliex fil-fatt saret estensjoni tal-proġett li ma kienx maħsub fit-talba li għamel il-kunsill. Is-sindku qal li l-estensjoni tal-proġett, li ma jaqax taħt il-fondi tad-DPF, jistew jiġu claimed mir-reġjun t'Għawdex. (15,500). Il-flus li se jibqa se jinxtraw benches u jitpoġġew pots bix-xtieli biex jikkumplimentaw dan il-proġett. Is-segretarja qalet li l-kont tal-kuntrattur ilu pendenti mill-2021 u l-flus qatt ma ġew claimed. Il-kunsillier Bajada fakkar biex jinqelew il-benches tal-bajja ta' Mġarr ix-Xini. Is-Sindku qal li dawn għandhom jinqalew mil-beach cleaners fi ħdan il-ministeru għal- Għawdex.

62.6.4 3.17 pm Is-Sindku talab biex il-laqgħa tiġi sospiża

62.6.5 Laqgħa kompliet fil-3.44pm wara li ġew diskussi ċertu issues u issemmew nies partikulari u għalhekk il-laqgħa ġiet sospiża minħabba data protection. Waqt li l-laqgħa kienet sospiża ġew diskussi wkoll il-'performance bonus' tal-ħaddiema tal-kunsill.

62.6.6 Rigward il-performance bonus tas-segretarju eżekuttiv preċedenti, dan se jieħu 5% minn massimu ta' 10%. Skond is-Sindku, dan għar-raguni li waqaf f'nofs is-sena u għadu qed jagħti handover lis-segretarja eżekuttiva l-ġdida. Rigward il-performance bonus tal-ħaddiema tal-kunsill, il-kunsill qabel unanimamaent li dawn jingħataw il-massimu stipulat għax dejjem jagħtu l-mija fil-mija u qed ikunu ta' għajnuna kbira lis-segretarja eżekuttiva l-ġdida.

62.6.7 Il-viċi Sindku qalet li ta' kull sena jiġu mniżżla fil-minuti tal-laqgħa, sigħat leave li se jkunu mitluba li jiġu trasferiti għas-sena l-ġdida, biex hekk l-awditur tad-DLG ikollu bil-miktub li ġew approvati mill-kunsilliera. Is-Segretarja Eżekutiva semmiet it-talba li kitbu xi ħaddiema tal-kunsill biex jitrasferixxu sigħat. Dawn huma is-Sa Geraldine Mercieca li talbet 80 siegħa u l-uffiċjal ta' l-Animal Steward is-Sur Noel Borg li talab 44 siegħa. Dawn it-talbiet ġew approvati b'mod unanimu. Ġew approvati l-performance bonus ta' 6% il-massimu ta' Sa Geraldine Mercieca u 10% il-massimu lis-segretarja eżekuttiva l-ġdida. L-ħaddiema l-oħra qed jagħmlu ħilithom kollha, xi kultant forsi jistew jimpenjaw iktar, pero l-kunsill huwa kuntent ħafna bihom u għandhom jingħataw il-bonus tagħhom. Is-segretarja eżekuttiva qalet li xi kultant fejn jidħlu korsijiet organizzati għal-ħaddiema tal-kunsill, mhux dejjem juru entużjażmu biex jattendu. Is-sindku qal li l-ħaddiema kemm jista jkun, jekk possibli

jattendu għal-korsijiet, speċjalment dawk li jkunu direttament relatati max-xogħol tagħhom, kif ukoll upgrading courses li jkun ta' benefiċċju għalihom. Is-sindku talab lis-segretarja eżekuttiva jekk tistax tgħin biex tibda titfassal strateġija kif l-amministrazzjoni tal-kunsill se timxi.

62.6.8 Il-kumitat tal-Banda Santa Margerita reġa ressaq it-talba biex il-kunsill jgħaddi s-somma ta' 500 ewro lill-istess kumitat biex jisponsorja l-festin tal-Milied. Din it-talba kienet diġa ġiet approvata fil-laqgħat preċedenti.

62.6.9 Is-Sindku ressaq il-proposta biex għal din is-sena jerġa' jittella attivita relatata mal-karnival, wara numru ta' snin li ma sarux attivitajiet minħabba L-Covid 19, u xogħlijiet li saru f'Sannat Road u l-proġett preżenti tal-Pjazza Santa Margerita. Huwa ssuġerixxa li tittella attivita fuq skala kemmxejn iżgħar mis-soltu fi pjazza Cocco Palmieri, u hekk ikunu qed jgħinu wkoll għaqdiet mir-raħal Ta' Sannat fothom l-għaqda sezzjoni żgħazagħ li qed jagħmlu sett ta' maskli grotteski u anki jiġu mistiedna xi gruppi ta' żfin. Il-kunsillier Tewma ssuġerixxa tistax isir fi pjazzetta Ta' Ċenċ u anki il-Viċi Sindku qalet li f'dan il-każ jagħmluha fi pjazzetta tax-Xelina.Is-Sindku qal li l-pjazzetta tax-Xelina hija daqsxejn problema minħabba l-flow tat-traffiku. Is-Sindku saqsa lill-kunsillieri meta jaħsbu li tiġi organizzata din l-attivita tal-karnival għax il-kumitat reġjonali li jorganizza l-karnival f'Għawdex irid id-data biex ikun jista joħroġ il-fuljett relatat mal-karnival. Is-sindku se jitkellem mas-sotto kumitat li jgħinu fl-organisazzjonijiet ta' dawn l-attivitajiet biex jissuġerixxu data. Il-kunsill approva li jsir l-attivita' marbuta mal-Karnival.

62.6.10 Għal żmien l-Għid, il-kunsill qed jipproponi li jittella d-dramm 'Ġrajjietna' li sfortunatament is-sena l-oħra kellu jitwaqqaf ħabba x-xita. Il-kunsill se jerġa japplika għal-fondi relatati, li parti minnhom il-kunsill qed jixtri numru ta' kostumi ġodda u hekk ikunu jistew jiġu użati f'attivitajiet mtella . Il-kunsill se jiddiskuti iktar il-quddiem fuq data possibli meta tittella din il-produzzjoni. Is-segretarja eżekuttiva saqsiet hux se jkun organizzat xi attivita' għat-tfal fi żmien l-Għid bħal treasure Hunt/Egg Hunt. Din se tiġi diskussa iktar il-quddiem.

62.6.11 Is-segretarja eżekuttiva qalet li se joħorġu xi skemi ta' fondi marbuta ma' proġetti marbuta mal-litteriżmu u proġetti relatati ma' l-integrazzjoni ta' nies barranin li ġew joqgħodu f'Malta jew Għawdex. Proġetti marbuta mal-litterizmu huwa mmirati għat-tfal kemm Maltin kif ukoll barranin ta' eta' differenti li jkollhom bżonn għajnuna biex jiksbu ħiliet bażiċi fil-qari u l-kitba. Hemm ċertu proġetti li jista jidħol għalihom il-kunsill u dawn jistew isiru fil-librerija, jew inkella l-kunsill joħloq proġetti marbuta mal-litterriżmu. Il-kunsilliera qablu li l-kunsill għandu japplika għal dawn il-fondi relatati. Is-Sindku qal li d-dipartiment tad-DLG ħargu applikazzjonijiet marbuta mal-'Lifelong Learning'. Is-Sindku qal li fir-raħal ta' Sannat qed jiġu jgħixu nies ta' nazzjonijiet differenti, u hemm minnhom li ma jkunux jafu jikkomunikaw bil-lingwa Ingliża. Il-kunsill qabel li japplikaw għal dawn il-fondi biex ikunu jistew jittelew korsijiet fil-Lingwa Ingliża, kif ukoll anki possibilta' marbuta ma' taħriġ fil-lingwa Maltija.

62.6.12 Ġew magħluqa żewġ tenders relatati mal-wall panels tas-sala tal-każin, li kien hemm żewġ offerti li kienu technical compliant – waħda mill-kumpanija Torka li għandi bażi ġo Malta li kienet l-irħas u l-oħra mill-kumpanija Pisani Woodworks. Il-kumpanija Torka taħdem il-materjal tagħha ġo Sqallija u d-direttur se jagħmel site-visit f'Jannar għax bħalissa qijed it-Turkija. Huwa qal li huwa kunfidenti li jagħmlu dan ix-xogħol għax għandu mastrudaxxi li jagħmlu kull tip ta' xogħol. It-time frames huma ristretti ħafna u fil-każ imorru għat-tieni offerta mitfuha.

62.6.13 Tender oħra li ngħalqet hija ta' 'Archeological Monitor Officer', li kien hemm offerta waħda mil-kumpanija AIS, liema kumpaniija kienet ħadet it-tender preċedenti. Is-Sindku qal li jridu jgħagglu biex jiġi aġġudikat dan it-tender, għax inkella f'Jannar, kif miftiehem mal-kuntrattur, ma jkunx jista' jaqla l-planki mingħajr il-monitoroġġ ta' uffiċjal arkeologiku.

62.6.14 Rigward it-tender tal-playing field ta' Triq Marziena, kien hemm ħames offerti, bil-kunsill jaħtar l-inġinier Cordina flimkien mal-Viċi Sindku u l-kunsillier Bajada fuq il-bord ta' l-aġġudikazzjoni.

62.6.15 Il-kunsill permezz tas-Sindku ġie mħarrek biex jixhed fil-kawża bejn kumpanija u persuna privata mir-raħal, wara li kuntrattur li ġie mqabbad mis-sid biex jintervjeni fuq rapporti ta' periklu ta' binja fi Triq il-kbira, u dan il-kuntrattur ma tħallasx minn naħa tas-sid. Il-qorti talbet kemm saru rapporti mill-kunsill u l-minuti tal-laqgħa fejn jindikaw li sar rapport lill-pulizija li kien hemm periklu strutturali ta' dar privata. Il-pulizija kienu ħadu azzjoni u l-periklu ġie mneħħi.

62.6.16 Il-kunsill rċieva konferma ta' l-applikazzjoni rigward il-fondi mitluba mil-kunsill għal-Christmas Market mingħand il-Ministeru għal-Għawdex.

62.6.17 Il-perit Edward Scerri bagħat reminder fuq kontijiet pendenti, li skond hu, x'uħud minnhom imorru lura fiż-żmien mhux ħażin. Is-Sindku qal li xi kontijiet ġew imħallsa u oħrajn bħal dak relatat ma sqaq Dun Anastas, l-ewwel irid jitħallas il-kuntrattur. Il-kunsill se jibgħat kjarifika lill-perit in kwistjoni.

62.6.18 Il-kunsill se jitlob lill-GAGF, biex isir estensjoni sa l-aħħar ta' Marzu tal-proġett tas-sala tal-każin tal-banda Santa Margerita. Pero, il-proġett irid ikun magħluq għal-fini ta' kontijiet mħallsa sa l-aħħar ta' Diċembru 2023.

62.6.19 Is-Segretarja eżekuttiva qalet li ngabru tlett kwotazzjonijiet fuq is-'signage' ta' barra li kien ġiet diskussa fil-laqgħa preċedenti.

## 62.7 Ilmenti u suġġerimenti

62.7.1 Persuna qed jerġa jitlob lill-kunsill biex jitneħħa xi parking spaces faċċata tal-blokka ta' appartamenti tagħhom fi Triq Ta' Ċenċ. Is-Sindku qal li din id-deċiżjoni trid toħroġ mingħand Transport Malta u anki qed jissuġerixxi li jagħmlu site-meeting flimkien mal-perit.

62.7.2 Resident li joqgħod Triq Santa Marija, talab lill-kunsill biex isir mera faċċata tal-garaxx tiegħu għax it-triq saret traffikuza ħafna. Is-Sindku qal li din għandha jsir għax hija essenzjali.

62.7.3 Persuni li għandhom gallariji fi blokka apartamneti fi Triq Bardan, qed jitolbu biex titwassa' il-bankina, għax skond huma xi xufiera qed jolqtlu l-gallariji rispettivi tagħhom permezz tal-vetturi tagħhom. Saħansitra persuna partikulari qalet lis-sindku li jista jzomm il-kunsill responsabli la darba ma' żabarx is-siġra tal-Ħarrub li hemm faċċata tal-gallariji tagħhom, għax din kienet qed tipprovaka x-xufiera biex jiġbdu lejn in-naħa tal-gallariji tagħhom. Is-Sindku qal li biex tinżabar is-siġra tal-Ħarrub, irid ikun hemm il-permess maħruġ mill-ERA, u trid tinżabar minn naħa tal-kuntrattur inkarigat fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Wara xi diffikultajiet, anki peress li s-siġra parti minnha kienet ġo post privata, il-kunsill żabar is-siġra. Il-kunsill se jkellem lill-avukat tal-kunsill biex jagħti l-parir lill-kunsill fuq dan l-ilment.

62.7.4 Persuna li għandha residenza fi Triq Palozzo Palina, int hu nieżel mil-lukanda Ta' Ċenċ talab lill-kunsill jekk isibx oġġezzjoni biex tintmess il-bankina li qeda maħruġa għal-ponta. Dan għal-fatt li l-awtorita ta' l-ippjanar talbitu biex jirtira l-bankina l-ġewwa biex ikun jista' jissanzjona xi kmamar illegali li għandu fir-residenza tiegħu. Is-Sindku se jiddiskuti mal-perit fuq din it-talba u jimxu minn hemm.

62.7.5 Il-Viċi Sindku qalet li kważi din il-leġislatura waslet fl-aħħar ftit xhur u fil- bini tal-kunsill għadu mhemmx ritratt mwaħħal tal-kunsilliera eletti u s-segretarja eżekuttiva. Il-kunsilliera qablu li dan għandu jitwaħħal mill-aktar fis u s-segretarja se titlob lil-DLG għal-kopja tar-ritratt meħud waqt il-ġurament tal-ħatra.

## 62.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal- pagamenti 11/2023

62.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 11/2023 li ntbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Din ġiet moqrija mill-Viċi Sindku tal-kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill- viċi sindku Galea u ssekondata mill-

Kunsillier Clayton Tewma. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 62.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

62.9.1 Il-laqgħa ntemmet fil -4.23pm u ġiet aġġornata għal nhar it- Tlieta 17 ta' Jannar 2024, fis-1.30 pm

Konfermati, illum 17 ta' Jannar 2024

| | |
|---|---|
| **Iffirmati** | **Iffirmati** |
| Philip Vella<br>Sindku | Marie Josette Vella Magro<br>Segretarja Eżekuttiva |